# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 20 ta' Ġunju 2025**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Michael Raymond Sciberras**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: MICHAEL RAYMOND SCIBERRAS ta' erbgħa u tletin (34) sena, bin David u Jill Ann Sciberras xebba Neaves, imwieled nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija u wieħed u disgħin (1991) ġewwa l-Ingilterra, bla indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 215805L;**

**Akkużat talli: nhar l-għoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (17:30hrs) u it-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) minn ġewwa 31, Triq Bordin, Tal-Pieta' u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa għad-detriment ta' Fatih Mehmet Beyhan u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[1];*

[1] Artikolu 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

***U nakkużawh ukoll talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Oak Berry ta' Triq it-Torri, Tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

2. *Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa wieħed sempliċi u dan għad-detriment ta' Ermita Mariane Bastos de Silva u/jew Hercules Goncalves Barbosa u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[2];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar il-ħamsa (05) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn it-tlieta ta' waranofsinhar (15:00hrs) u il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Lugguage & Bags ta' Triq Isouard, il-Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

3. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa wieħed sempliċi u dan għad-detriment ta' Lino (Michael) Brincau u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[3];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar il-ħamsa (05) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Gigi's Cash & Carry ta' Triq San Nikola, il-Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

4. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa għad-detriment ta' Jefrin Grech u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[4];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar il-ħamsa (05) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Sally Port Restaurant ta' Triq San Nikola, il-Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

5. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa wieħed sempliċi u dan għad-detriment ta' Christopher McKay u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[5];*

---

[2] Artikolu 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

***U nakkużawh ukoll talli nhar id-disgħa (09) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Buon Cafe Center Kebab House ta' Pjazza Antoine De Paule, Paola u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

6. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa għad-detriment ta' Hakki Cosgun u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[6];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Veranda Grill & Wine ta' Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

7. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u dan għad-detriment ta' Hristo Todorov u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[7];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar l-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn id-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) u l-ħdax u nofs ta' filgħaxija (23:30hrs) minn ġewwa l-istabbiliment Asian Kingdom ta' Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

8. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż laptop tat-tip Macbook, permessi tar-residenza u karti tal-identita' u kif ukoll flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bil-valur liema ammont jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u liema serq huwa għad-detriment ta' Jieling Sun u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[8];*

9. *Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, u cioe' dawk ta' Jieling Sun u / jew ta' xi persuna/i naturali oħra u / jew oħra ġuridiċi, liem ammont jeċċedi l-elfejn u ħames mitt euro (€2500)[9];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar it-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn is-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) u it-tmienja ta' filgħodu (08:00hrs)***

---

[6] Artikolu 261(b)(ċ), 263(a), 264(1), 267, 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Artikolu 261(f), 270, 281(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Artikolu 261(ċ), 267 u 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[9] Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

***minn ġewwa l-istabbiliment Queen Elizabeth II ta' Xatt Tigne, Tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

10. *Ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u dan għad-detriment ta' Samuel Cauchi u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[10];*

***U nakkużawh ukoll talli nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn is-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) u il-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) minn ġewwa 15, Rosal, Triq il-Kappillan Mifsud, il-Ħamrun u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:***

11. *Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-lok u dan għad-detriment ta' Parmendra Singh u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra[11];*

***U nakkużawh wkoll talli bejn ix-xhur ta' Mejju u Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer:***

12. *Kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' Ordni ta' Trattament mogħti lilu mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta) per il-Maġistrat Dr Noel Bartolo LL.D. nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024);[12]*

13. *U talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;*

***U nakkużawh wkoll talli fiż-żminijiet fuq imsemmija f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjjer:***

14. *Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabondaġġ[13];*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Fatih Mehmet Beyhan u Ermita Mariane Bastos de Silva u Hercules Goncalves Barbosa u Christabel Muscat u Lakshmi Sri Harsha Patibandla u Lino (Michael) Brincau u Jefrin Grech u Christopher McKay u Hakku Cosgun u Hristo Todorov u Jieling Sun u Samuel Cauchi u Parmendra Singh u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, huwa mitlub sabiex jipprovdi għas-sigurtà tal-persuna/i offiż/a ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

[10] Artikolu 261(b), 263(a), 264(1) u 278(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[11] Artikolu 261(e), 269(g) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[12] Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[13] Artikolu 338(w) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, jekk jidhrilha xieraq, tordna Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Michael Raymond Sciberras u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A et seq. tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A u/jew 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali (Dok NZ 2), il-*current incident reports* (Dok NZ6 sa NZ 15) u l-atti processwali kollha.

**Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu** anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tatu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

**Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena** idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat fejn il-prosekuzzjoni ssuġeriet piena minima ta' priġunerija effettiva ta' tlett snin u ħames xhur flimkien ma ordni ta' trattament kontra l-vizzju tad-droga filwaqt li d-difiża ddikjarat li qed taderixxi ma' tali piena.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija, ċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom illum.

***<u>DECIDE</u>***

Ghal dawn il-motivi, u wara l-kunsiderazzjonijiet sudetti, l-Qorti wara li rat Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a), 284, 285, 261(b)(ċ), 263(a), 264(1), 278(2), 280(2), 261(f), 270, 281(a), 279(b), 325(1)(a), 278(1), 261(e), 269(g) u 281(a), 412D(4), 338(w), *49, 50 u 289*

*412C u D, 382A, 383, 384 u 385* tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **MICHAEL RAYMOND SCIBERRAS** ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu **u tikkundannah għal perijodu komplessiv ta' tlett (3) snin u ħames (5) xhur priġunerija effettiva. Inoltre qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħrog kontra tiegħu Ordni ta' Trattament liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proceduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur** **20 ta' Ġunju 2025**